# Q O R T I   Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 4 ta' Lulju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 73 / 16RGM

Kawża fil-lista: 17

**C T**
**vs**
**R X, Direttur tar-Registru Pubbliku, u**
**L-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Peter Sammut illi permezz ta' digriet datat 11 ta' April 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Ra X T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u R X, mhumiex mizzewgin;

2. Illi r-rikorrenti welldet il-minuri Ra X T;

3. Illi l-missier bijologiku tal-minuri Ra X T mhuwiex R X izda missier mhux maghruf;

4. Illi ghalkemm l-intimat R X mhuwiex l-missier bijologiku tal-minuri Ra X T, l-imsemmija minuri giet registrata fic-certifikati tat-twelid bhala "X T";

5. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri Ra X T mhiex il-bint naturali ta' R X.

2. Tordna illi c-certifikati tat-twelid ta' l-imsemmija minuri jigu emmendati, fis-sens illi jigi mnehhi l-kunjom X mic-certifikati tat-twelid tal-minuri, u minflok jitnizzel "missier mhux maghruf" bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mnizzel, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat.

3. Tordra lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji sabiex l-isem u l-kunjom tal-imsemmi minuri jigi jaqra Ra T.

U dana taht kull provediment li din l-Onor. Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont dak li jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Ra X T, illi r-rikorrenti C T tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri Ra X T, tal-inqas ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri Ra X T a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tat-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa' it-tielet eccezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri Ra X T sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (l) l-isem u l-kunjom , (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieldet il-minuri Ra X T, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija rninuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla Ra X T. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Ra X T bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3615 tas-sena 2015;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fit-18 ta' Mejju 2016;

Rat ir-risposta tal- kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-minuri Ra X T pprezentata fil-21 ta' Lulju 2016 li ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti;

Rat ir-rapport tad-DNA test ta' Dottor Marisa Cassar anness ma' nota tal-attrici pprezentata fil-25 ta' April 2017;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2017 fejn gie kkonfermat li l-konvenut R X hu kontumaci billi gie notifikat fil-21 ta' Mejju 2016 u ma pprezentax risposta guramentata;

Rat l-affidavit ta' Dottor Marisa Cassar mahluf fis-17 ta' Mejju 2017 li kkonfermat li l-konvenut R X mhux il-missier naturali tal-minuri Ra X T;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2018 fejn l-avukati ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**IL-PROVI.**

L-attrici C T, fl-affidavit taghha mahluf fit-18 ta' Mejju 2016,[1] iddikjarat li ltaqghet mal-konvenut R X hames snin qabel u bdew relazzjoni. Wara sentejn kellhom tifel, Iker X, li illum ghandu tlett snin. F'dawn il-hames snin it-tnejn li huma kellhom problema tad-droga. R X ilu l-habs diversi snin fejn qed jiskonta sentenza. Hi llum tinsab hielsa wara li skontat s-sentenza taghha. Hi kellha kuntatt mal-konvenut R X billi kienet tinvistah fil-habs, pero'meta kienet barra regghet waqghet fil-vizzju tad-droga u ma setghetx tibqa' tmur tinvistah fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk inqata' kull kuntatt ta' bejniethom.

Tghid li minhabba il-vizzju tad-droga spiccat fit-triq tal-prostituzzjoni u wara ftit nqabdet tqila u ma tistax tghid min hu l-missier biologiku ta' bintha. Wara li saret taf bit-tqala dahlet ghall-programm ta' riabilitazzjoni u regghet bdiet ikollha kuntatt mal-konvenut R X. Meta nfurmatu bit-tqala hu ma riedx jaccetta lit-tifla bhala bintu, billi kien jaf li ma kienx il-missier ta' din t-tarbija, u rega' nqata' kull kuntatt. Wara xi zmien rega' ikkomunika maghha u qalilha li biex juriha kemm ihobbha kien lest li jirrikonoxxi lit-tifla bhala bintu.

Meta twieldet it-tifla, billi kienu qablu, R X tnizzel bhala il-missier tat-tifla, pero' wara ftit granet mit-twelied wera li s-sitwazzjoni ma kinitx komda ghalih u qalilha li ma riedx li t-tarbija tibqa' fuq kunjomu.

B'ordni mill-Appogg it-tifla ghaddiet ghand il-familja Delia bhala 'foster carers' biex tkun tista' titrabba f'ambjent ta' familja billi l-attrici regghet waqghet fil-vizzju tad-droga.

L-attrici tghid li kemm hi kif ukoll il-foster parents xtaqu jghammdu lit-tifla pero` peress li fic-certifikat tat-twelied hemm isem il-konvenut R X kien mehtieg il-kunsens tieghu izda hu rrifjuta li jiffirma il-karti necessarji. Anke l-Appogg talbuh biex jaghti l-kunsens tieghu biex il-familja Delia jkunu foster carers tat-tifla, sakemm tinghata lilhom mill-Qorti, il-kura u kustodja taghha kif huma kienu digja qablu, izda hu rrifjuta li jiffirma. R X kien ukoll tkellem bit-telephone mal-familja Delia u kien qabel li t-tifla titrabba minnhom.
L-attrici tghid li fil-prezent R X qata' kull kuntatt maghha, t-tifla Ra ghandha seba' xhur u qed jichad li hu missierha. L-attrici ddikjarat li kien ghalhekk li ddecidiet li tipprocedi b'din il-kawza biex il-konvenut R X ma jibqax jidher li hu missier it-tifla Ra u biex ma jkunx ta' xkiel fid-decizjonijiet li jittiehdu fl-interess tal-minuri. Kemm l-attrici kif ukoll R X jafu li hu mhux il-missier biologiku ta' Ra.

Dottor Marisa Cassar, nominata mill-Qorti biex tikkonduci t-testijiet tad-DNA ipprezentat l-affidavit u r-rapport taghha annessi ma' nota pprezentata fis-17 ta'

[1] Fol 22.

Mejju 2017.[2] Hi ddikjarat li ngabru l-kampjuni orali ta' C T, ta' Ra X T u ta' R X biex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet tad-DNA u rrizulta li R X mhux il-missier naturali ta' Ra X T.

Il-foster parent Aaron Delia deher personalment fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2016 u ddikjara li kien lest li jħallas l-ispejjez relatati mat-testijiet genetici biex dawn il-proceduri jigu konkluzi kemm jista' jkun malajr.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

L-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut R X pero' mhumiex mizzewgin. L-attrici welldet tifla, Ra, fl-4 ta' Lulju 2015. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut X kienu jafu li t-tifla ma kinitx wild tal-istess R X, li pero' kien accetta li jigi registrat bħala l-missier tat-tifla fl-Att tat-Twelid tagħha. Fil-kors tal-kawza wara li saru t-testijiet xjentifici gie kkonfermat li R X mhux missier it-tifla li welldet l-attrici. Skond l-attrici l-fatt li R X hu ndikat bħala l-missier tal-minuri qed jikkreja diversi ostakoli u diffikultajiet f'decizjonijiet importanti fl-interess tal-minuri billi semplicement bi pika u inkejja jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu meta jigi hekk mitlub. Irrizulta in oltre, li billi hemm diversi diffikultajiet il-partijiet qablu li t-tifla tingħata lil 'foster carers' li huma l-koppja Delia li jistgħu jrabbu lit-tifla f'ambjent seren ta' familja. L-attrici ddikjarat ukoll li eventwalment għandu jingħata provvediment mill-Qorti biex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lill-koppja Delia. Hi pprocediet b'din il-kawza biex il-konvenut R X ma jkunx aktar ta' xkiel fejn jidħlu decizjonijiet importanti fl-interess tal-minuri.

Il-konvenut R X deher mhux assistit fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2016 u b'verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2017 gie dikjarat li hu kontumaci billi gie notifikat fil-21 ta' Mejju 2016 u ma pprezentax risposta guramentata.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament li ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 u għalhekk it-terminu għall-prezentata tar-risposta ma bediex jiddekorri; li mhux edott mill-fatti, jirrimetti ruħhu għar-rizultanzi processwali, u jitlob li l-Qorti tistieden lill-partijiet kollha jissottomettu ruħhom għat-testijiet genetici, skont l-artikolu 100A tal-Kap 16; li l-attrici għandha tispecifika minn hu il-missier naturali fl-interess tal-istess minuri; li l-partijiet għandhom jiddeciedu liema kunjom għandha tassumi l-minuri skont l-artikolu 92(6) tal-Kap 16; li l-missier naturali għandu jindika l-konnotati personali tiegħu biex dawn jigu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u li m'għandhux jigi assoggettat għall-ispejjez tal-kawza.

[2] Fol 48 et seq.

Dwar dawn l-eccezzjonijiet jinghad li ghalkemm n-notifika ma saritx skont l-artikolu citat, r-risposta guramentata giet ipprezentata fis-6 ta' Lulju 2016; li t-testijiet genetici saru; li l-attrici ma kienitx f'posizzjoni li tindika minn kien il-missier naturali tal-minuri; li skond l-attrici l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom 'T'; u li fic-cirkostanzi mhux possibbli li jinghataw il-konnotati personali tal-missier naturali.

L-**artikolu 99 tal-Kap 16** jghid hekk:

"L-att li bih jigi maghruf tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess".

L-**artikolu 100 tal-Kap 16** jghid hekk:

"It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' jew maternita' tista tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe vs Mohammed Melikechi et "** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 ntqal:

"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta' azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'de negata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel(Artikolu 70); (b) L-impunjattiva ta' l-istat legittimu tat-tifel prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni issir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza wkoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85."

Fil-kawza fl-ismijiet "**David X vs Frans Falzon et**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta'Mejju 2011, dwar l-analizi li trid taghmel il-Qorti fir-rigward tal-provi mressqa ntqal:

" Kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha il-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabiltajiet. Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li

mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issoddisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sufficjentement ippruvati (non esse et non probari paria sunt). Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi ppruvat min dik il-persuna li qed tallega dik x-xjenza. Del resto hekk ukoll jghid l-Art. 562 tal-Kap 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata. ("**Theuma vs Mercieca**"- Qorti tal-Appell-20 ta' Frar 1996; "**Fenech Clarke et vs Borg et**"- Qorti tal-Appell-30 ta' Mejju 1997 u "**Mizzi noe vs Borg et**" -Prim'Awla tal-Qorti Civili-29 ta' Settembru 2009)".

Fil-kaz in ezami l-attrici ppruvat sufficjentement l-legittimita' tal-pretensjoni taghha fl-interess ta' bintha il-minuri Ra. L-attrici, qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut R X mhux il-missier naturali tal-minuri u li isem il-konvenut jitnehha mic-certifikat tat-twelid tal-minuri u minnflok jitnizzel li l-minuri hi bint 'missier mhux maghruf'.

Effettivament irrizulta mill-provi, permezz tat-testijiet genetici li l-istess konvenut R X m'huwiex il-missier naturali tal-minuri. Irrizulta ukoll li l-fatt li l-konvenut hu indikat bhala missier il-minuri fic-certifikat tat-twelid taghha, jfisser li hi rikjesta l-awtorizazzjoni tieghu f'decizjonijiet importanti dwar il-minuri, u dan qed jikkreja diffikoltajiet kbar ghall-attrici billi l-konvenut R X mhux interessat fl-istess minuri anzi intenzjonalment jikkreja l-problemi billi sistematikament jirrifjuta li jikkopera meta jintalab biex jaghti l-permess jew l-awtorizazzjoni tieghu.

Indubbjament hu fl-ahjar interess tal-minuri li l-konvenut R X ma jibqax jigi indikat li hu missier il-minuri fic-certifikat tat-twelid taghha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenut Direttur u tal-kuraturi deputati tal-minuri konformement ma' dak hawn deciz u fil-kontumacja tal-konvenut R X :

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li l-minuri Ra X T mhiex il-bint naturali tal-konvenut R X;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tordna li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat fis-sens li jitnehhew l-isem, il-kunjom u l-post tat-twelid tal-konvenut R X u minflok jitnizzel 'missier mhux maghruf';

3. Tilqa’ t-tielet talba tal-attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji fis-sens illi l-minuri tkun maghrufa bil-kunjom ‘T’.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**